# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, L-Erbgha 6 ta' Lulju, 2022

Avviz tat-Talba numru: 77/2022 CL

**Inspirations Limited (C41431)**

**VERSUS**

**Christian Mamo [K.I. NRU.525286M)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar il-15 ta' Marzu, 2022 fejn is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jigi iddikjarat illi huwa debitur tas-socjeta attrici u kkundannat ihallas l-ammont ta' erbat elef seba' mija u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€4,770.43), rapprezentanti bilanc ghas-servizzi esegwiti u moghtija u merkanzija mibjugha lil-intimat fuq inkarigu tieghu, kif jidher fil-kuntratt u rendikont immarkati Dok A u Dok B. Minkejja li s-socjeta attrici interpellat lil intimat sabiex ihallas l-ammont dovut diversi drabi huwa baqa' inadempjenti.

Ra l-atti processwali u d-dokumenti kollha mressqa;

Ra illi fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2022, it-Tribunal kien innota li l-konvenut gie debitament notifikat bit-talba processwali fit-23 ta' Marzu 2022, izda la ressaq risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher ghas-seduta mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu biex issehh kontestazzjoni tat-talba tal-attur. Ghalhekk, il-konvenut waqa' fi stat ta' kontumacja skond dak previst fid-disposizzjonijiet relattivi tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2022, s-socjeta attrici ipprezentat affidavit ta' Vittorio Bruno, li huwa financial controller fis-socjeta attrici li topera taht l-isem The Atrium. Fis-27 ta' Awwissu, 2016, Christian Mamo kien iffirma skrittura fejn kien awtorriza li s-socjeta attrici taffetwa direct debit mill-kont tal-konvenut fl-ammont ta' €176.75 kull xahar ghal 36 xahar skond id-dokumenti a foll. 16 u 17. L-ahhar tnaqqis kien fid-29 ta' Settembru 2017, ghax wara din id-data ma kienx hemm fondi fil-kont bankarju indikat mill-konvenut. Ghalhekk kien fadal bilanc ta' erbat elef seba' mija u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€4,770.43).

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "*Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – (a)Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda.*"
Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista' jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal- konvenut*,"

Madanakollu kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni, u għalhekk it-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti.It-Tribunal ra' l-affidavit tal-financial controller tas-socjeta attrici u ra li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li gie iddikjarat minnu m'ghandux mis-sewwa u ghalhekk it-Tribunal ma jarax ghalfejn m'ghandux jitwemmen.

Fil-konfront ta' l-imsemmi konvenut gie prezentant kapitolu mis-socjeta attrici fit-13 ta' Gunju 2022. Dan il-kapitolu gie dikjarat bhala mistqarr fl-udjenza successiva, tat-22 ta' Gunju, 2022, peress li l-konvenut naqas milli jirregistra dehera biex jwiegeb ghal tali kapitolu. Fid-dawl ta' tali omissjoni, l-istess kien jisthoqqlu jigi emmnut. Ghalhekk dan ghandu jittiehed bhala mistqarr.

It-Tribunal josserva illi, in linea ta' principju, il-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jinghad fid-decizjoni in re **Anthony Borg v. Samwel Veneziani**[1] illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut."

Illi ghalhekk, in vista tal-provi pprezentati quddiemu, u fid-dawl ta' dak fuq kunsidrat, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mill-attur huwa dovut mill-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici u konsegwentement jiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta attrici fl-ammont ta' (€4,770.43) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' erbat elef seba' mija u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€4,770.43) bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tat-talba odjerna sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri huma a kariku tal- konvenut. It-talba ghal-ispejjez konnessi mal-ittra gudizzjarja bin-numru 1727/2021 ma tistax tintlaqa' peress illi ma hemm ebda kopja ta' din l-itttra fl-atti.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**
**GUDIKATUR**

---

[1] Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998